MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Numru 687/1999

Il-Pulizija
(Spettur Marisa Camilleri)
(Spettur Alfred Mallia)
vs
Amadeo Grima

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Amadeo Grima, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 259780 (M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer u f'dan l-ahhar gimghat qabel l-1 ta' Ottubru 1999 b'diversi atti maghmulin mill-hati, fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda skond l-Artiklu 28 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan talli fid-29 ta' Settembru 1999 ghall-habta tas-7.15 p.m. u meta ken dalam ikkommetta serq ta' oggetti tal-Hi Fi mill-knisja tas-Salib Imqaddes Haz-Zabbar; liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, hin,

valur u lok bi ksur tal-artikli 278(3), 281(c), 280 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli f'Haz-Zabbar fit-30 ta' Settembru 1999 ghall-habta ta' nofs inhar ikkommetta serq ta' oggetti religjuzi minn go vettura numru CAB 168 li l-valur taghhom kien ta' aktar minn LM 100, izda mhux aktar minn LM 500 ghad-dannu ta' Rev. Anthony Cassar, liema serq kien ikkwalifikat bil-valur, mezz u natura tal-haga misruqa bi ksur tal-Artikli 279(a), 278(3), 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'Haz-Zabbar fit-12 ta' Settembru 1999 ghall-habta tad-9.00a.m. ikkommetta serq semplici ta' zewg imwiezen, li l-valur taghhom ma jeccedix il-LM 100 ghad-dannu ta' Guza Dalli bi ksur tal-Artiklu 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba mill-Prosekuzzjoni li f'kaz ta' kundanna ghandha meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara li tikkundanna l-hati ghall-hlas lir-Registratur ta' l-ispejjez kollha jew parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhalma jkun stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni u dan ai termini tal-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' Novembru, 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
(a) Fl-Artikolu 261 (b), (c), (e), (f), 263, 264, 265, 266, 330, 267, 269, 270, 278, 279 (b), 280, 281, 334, 18, 31, 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali;
u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi fil-15 ta’ Dicembru, 2003 il-Qorti halliet il-kawza ghall-provi tad-difiza. Illi fis-seduta tat-12 ta’ Marzu, 2004 deher l-imputat, izda l-Avukat difensur tieghu ma deherx. Il-Qorti ghamlitha cara illi jekk fis-seduta ta’ wara kien ser jerga ma jsir xejn il-Qorti kienet ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi illi kellha. Il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Gunju, 2004 u dakinhar rega’ deher l-imputat u l-Avukat Difensur tieghu ma deherx. Il-Qorti ghalhekk ghamlet referenza ghall-verbal taghha tat-12 ta’ Marzu, 2004 u halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-13 ta’ Ottubru, 2004. Illi minn dakinhar sal-lum id-difiza ma talbitx lill-Qorti sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza.

Illi l-Qorti rat illi din il-kawza giet istitwita fis-sena 1999, madwar ghalhekk hames snin ilu. Il-Qorti tara illi ma tistax tippermetti aktar telf ta’ zmien f’din il-kawza u ghalhekk ghaddiet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-30 ta’ Settembru, 1999 ir-Reverendu Victor Cilia irrapporta lill-pulizija illi matul il-lejl xi hadd kien dahal fil-knisja tas-Salib Haz-Zabbar u minn hemm hekk seraq xi affarijiet bhal amplifiers, synthesiser u equaliser, liema affarijiet kienu jammontaw ghal aktar minn elf lira. B’din is-serqa kien induna certu Mario Borg li ta lill-pulizija deskrizzjoni ta’ zghazugh li l-gurnata ta’ qabel is-serqa kien mar fuqu u kien staqsih meta setgha jiehu lil huh il-Muzew. Illi mid-deskrizzjoni illi ta lill-pulizija Mario Borg, il-pulizija waslu sabiex jarrestaw lill-imputat.

Illi wkoll fl-istess gurnata, jigifieri fit-30 ta’ Settembru, 1999, insterqu xi affarijiet mill-vettura tar-Reverendu Anthony Cassar, u precizament insteraq basket illi fih kien hemm xi affarijiet tal-knisja bhal kalci u pissidi. Ir-Reverendu Cassar kien ukoll ta’ deskrizzjoni ta’ individwu suspettuz. Minn din id-deskrizzjoni il-pulizija ukoll waslet sabiex tarresta lill-imputat fuq imsemmi.

Illi fil-15 ta' Ottubru, 1999, certu Philip Pulis irrapporta l-ghassa tal-pulizija u ta lill-pulizija basket illi kien jikkontjeni il-kalci u l-pissidi illi kienu gew misruqa.

Illi precedentement il-pulizija kienet arrestat lill-imputat fuq imsemmi fuq serq ta' zewg imwiezen. Illi l-imputat ammetta mal-pulizija din is-serqa u irrilaxxja ukoll stqarrija f'dan is-sens u l-istess imputat irritorna l-imwiezen lill-pulizija u l-pulizija da parti taghha irritornat l-imwiezen lil sidhom.

Illi dwar is-serq illi sar mill-knisja u mill-karozza imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, l-imputat ammetta mal-pulizija illi kien hu li kien wettaq dan is-serq. Huwa irrilaxxja wkoll stqarrijiet f'dan is-sens u irritorna l-affarijiet misruqa lill-pulizija, illi da parti taghhom ghaddew l-oggetti misruqa lil sidhom.

Illi l-istess ufficjal prosekutur xehdet illi l-imputat ikkopera ferm maghha matul l-investigazzjoni kollha. Mal-ewwel ammetta dak illi kien ghamel u irritorna lura l-affarijiet kollha li kien seraq. L-imputat qal fl-istqarrija tieghu lill-pulizija illi ghamel dak illi kien ghamel ghaliex kien issikkat u kellu bzonn il-flus u ghalhekk wasal biex seraq.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi sabiex dahal fil-knisja l-imputat ma kellux ghalfejn jisgassa u dana peress illi ma gemb tal-knisja kien hemm letter box tal-hgieg li fiha kien hemm ic-cwievet u permezz taghhom l-imputat setgha jiftah u jidhol fil-knisja, kif fil-fatt ghamel.

Illi pero' sabiex seraq l-affarijiet mill-vettura l-imputat kellu ikisser il-hgiega tan-naha ta' wara tax-xuffier.

Ikkunsidrat :

Illi mill-inkjesta magisterjali illi saret, irrizulta illi l-oggetti misruqa kienu jammontaw ghal ftit inqas mill-elf lira. Irrizulta wkoll illi kien hemm l-isgass da parti tal-imputat.

Illi fuq ordni tal-Qorti, ittiehdu l-impronti digitali u tal-palmi tal-idejn tal-imputat, illi gew komparati mal-impronti illi gew

elevati matul l-inkjesta magisterjali, u irrizulta illi l-impronta illi tidher fuq il-lifter 99 CHM 303 taqbel mas-sebgha il-werrej tal-id il-leminija ta’ Amadeo Grima, l-imputat fuq imsemmi. Irrizulta illi l-impronta illi tidher fuq il-lifter 99 CHM 305 taqbel mas-sebgha tac-curkett ta’ l-id ix-xellugija tal-imputat fuq imsemmi u irrizulta wkoll illi l-marka tal-pala ta’ l-id li tidher fuq il-lifter 99 CHM 306 taqbel mal-marka tal-pala ta’ l-id ix-xellugija tal-imputat fuq imsemmi.

Illi ghalhekk u kif ukoll minhabba il-fatt illi l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu fl-istqarrijiet illi irrilaxxja lill-pulizija, il-Qorti tara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat u ghalhekk wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota ta’ l-Avukat Generali tal-25 ta’ Novembru, 2003 qeghda issib lill-imputat fuq imsemmi hati ta’ dawn l-akkuzi kollha.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena, il-Qorti qieset il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ikkopera ferm mieghu matul l-investigazzjoni, u fil-fatt huwa ammetta ghal dak kollu li kien ghamel fl-istqarrijiet illi irrilaxxja lill-pulizija u ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat stess irrekupera ir-resfurtiva u ghaddiha lill-pulizija fiz-zmien qasir.

Illi irrizulta wkoll illi l-imputat ma ghandux fedina penali allarmanti u ghalhekk il-Qorti tara illi jkun ta’ beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali, jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

Finalment il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 u tordna lill-hati sabiex fi zmien xahar mil-lum ihallas l-

ispejjez kollha li kellhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------